ĦAL TARXIEN

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 44/07 – It-Tnejn 27 ta' Jannar 2016 fis-6.00pm**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Irtira 20:05pm* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | *Irtirat 19:00pm* |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *skużat* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

## AGENDA

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji
    - *Report on the Workings Capital of Local Government 2014 (NAO)*
    - *Skeda ta' Pagamenti*
4. Rapport mill-Kunsillieri
5. Ħwejjeġ Oħra
6. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

1. <u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>

i. Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 43/07 ta' nhar **it-Tnejn 27 ta' Jannar 2016** ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii. Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

2. <u>Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)</u>

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD konna għadna status quo. Dan saħansitra anqas kien qed jibgħat STATEMENTS. Għalhekk żied jgħid is-Sindku, kien talab lill-Avukat tal-Kunsill biex jara kif nistgħu nipproċedu. Saret diskussjoni dwar dan u l-Kunsillier lawrence Bonavia ssuġġerixxa li tintbgħat ittra rregistrata lill-kuntrattur dwar dan il-każ fejn fiha jkun indikat ċar li jekk dan fi żmien erbatax il-ġurnata mhux ser jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu, il-Kunsill ser ttemmlu l-kuntratt. Gie wkoll ssuġġerit li l-Kunsill jinżamm aġġornat dwar l-eżitu tas-sitwazzjoni f'laqgħa straordinarja msejħa apposta dwar dan il-każ nhar l-Erbgħa 17 ta' Frar 2016 fil-17:30pm. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill, li kif kien diġa semma li għalkemm li l-injam tal-gazebo ta' Ġnien Veliko Turnovo suppost kellu garanzija ta' 10 snin dan xorta waħda kollu kien qed jinqala. U għalhekk kien qed jissuġġerixxi li tintbgħat ittra bl-avukat lill-Kuntrattur li kien ħa ħsieb ix-xogħol. B'żieda ma' dan qal ukoll li reġa kien hemm żgass f'din l-istess gazebo u għalhekk ser jinġiebu kwotazzjonijiet għal cameras tas-sigurta peress li l-kumpanija ALBERTA baqgħet qatt ma weġbitna lura għall-appuntament. Il-Kunsill qabel unanimament. Att vandaliku Fi Ġnien Veliko Turnovo.

ii.i. Is-.Sindku nforma lill-Kunsill li skond ir-rapport maħruġ mill-MCCAA għas-sigurta tal-bandli li hemm biswiet Ġnien Veliko, dik l-istruttura tal-injam li hemm trid tittranġa għaliex hemm biċċa qed taqa'. Għalhekk żied jgħid is-Sindku li gab lil xi ħadd għal kwotazzjoni. Dettalji ser jressaqhom quddiem il-Kunsill fil-laqgħa li jmiss. Kwottazzjonijiet għall-iStruttura tal-Injam

ii.ii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-PPCD kienu nfurmawna li qabel li l-proġett ikun konkluż kien għad fadal żewġ affarijiet Proġett ERDF 213 – rapport finali

- li jintbgħat reading tal-meter li kien ġie mqabbad mal-grid u kien għalhekk li kien talab lill-persuna teknika biex teħdilna ħsieb dan ; u
- u li tibda topera l-information kiosk li hemm fil-pjazza off Triq Santa Tereza. Hawnhekk is-Sindku talab lill-Kunsillier Frans Agius sabiex jerġa jkellem lill-MTA biex jara naqra kif jistgħu jkunu ta' għajnuna f'dan ir-rigward.

iii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hekk kif kien hemm qbil unanimu l-Kunsill mexxa fuq il-kwotazzjonijiet li rċevejna dwar l-insurance peress li konna fil-limitu ta' kwotazzjonijiet u li l-irħas kwotazzjoni għal sena li kienet waslet il-Kunsill kienet dik ta' Island Insurance Brokers f'isem MAPFRE INSURANCE AGENCY LTD. Il-policy ġiet imħallsa u tkopri l-perjodu ta' sena kalendarja minn l-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016. Insurance

iv. Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li l-Bord kien reġa ltaqa dwar l-erba' każijiet ġodda li kienu waslu l-Kunsill u kien rrakomanda li għal 3 minnhom kien hemm qbil li ssir rifużjoni tat-tyre filwaqt li għal każ l-ieħor l-Bord irrakomanda li ma jkunx hemm ħlas. L-ispejjeż ilaħħqu għal madwar €160. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord.. Ħsarat fuq vetturi u/jew tyres minħabba stat ta' toroq

v. Rigward it-turf, is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox status quo. Turf tal-ground 5 aside

vi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-kuntratt taż-Żamma tal-Ġonna, issa kienet ħierga tender gdid. Kuntrattur għaż-Żamma ta' Ġonna

vii. Rigward *it-traffic management* propost fi Triq Kurunell Mass, il-Kunsillier Luke Genuis qal li kien bgħat lill-Perita imma ma kienx għad kellu risposta. Sadanittant talab lis-Seg. Eżek. biex terġa tgħaddilu l-korrispondenza kollha relatata mal-każ. Traffic Managment – Triq Kurunel Mas

viii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-problema li kien hemm fi Ġnien Joanne, peress li dan ma kienx qed jixgħel issa ġiet solvuta. Ġnien Joanne

ix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-*embellishment* ta' l-area fi Triq Kurunell Mass, u li dwaru kien kellem lill-Perit li min naħa tiegħu kellu jiċċekkja biex immexxu fuq it-tibdil neċessarju ladarba l-permess kien diġa ħareġ fuq open air gym kien għad m'għandniex risposta. Ġnien Kurunell Mass

x. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li l-Avukat tal-Kunsill kien kellem l-Avukat li jirrapreżenta l-UNTOURS dwar l-inċident li kien seħħ fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra peress li l-assikurazzjoni kienet f'idejn l-Aġenzija UNTOURS. Incident monument – Avukat UNTOURS

xi. Dwar il-meter ta' Ġnien Ovindoli s-Sindku spjega li l-Perit kien ħa ħsieb jibgħatilna l-formoli sabiex jinħareġ il-COMPLIANCE CERTIFICATE mill-MEPA. Sadanittant tħallsu wkoll €300 lill-ARMS bħala l-permess għall-applikazzjoni tal-meter il-ġdid. Għalhekk issa li għad fadal kien biss li nirċievu l-Compliance Certificate mingħand l-MEPA u ladarba nirċevuh kemm nibgħatu lilu biss u l-proċess ikun konkluż kollu. Meter Ġnien Ovindoli

xii. Rigward l-każ fejn l-impjegata Isabella Formosa kienet tħallset flus żejda u b'ammissjoni tagħha stess kien sar qbil mal-Ex Sindku Joseph Abela u L-Ex Seg. Eżek. Paul Pace sabiex hija ma tirritorna xejn diment li l-Awdituri ma jindunawx, is-Sindku Paul Farrugia nfurma lill-Kunsill li hekk kif titlob il-liġi huwa flimkien mas-Seg. Eżek. kienu għamlu ittra fejn fiha nfurmaw lill-Onor. Ministru b'din is-sistwazzjoni. Din l-ittra għaddiet għand il-BORD TA' GOVERNANZA u kemm hu flimkien mas-Seg. Eżek. u l-Avukat tal-Kunsill dehru quddiem dan il-Bord pero għad ma kellhomx tweġiba. Każ ta' flus imħallsa żejda lill-impjegata Isabella Formosa

xiii. Rigward il-proposta ta' Bye Law sabiex l-Kunsill ikun jista' jiġbor flus miġbura mill-attivitajiet u jkunu jidħru fil-kotba tal-Kunsill biex b'hekk ikun hemm aktar kontroll, is-Sindku qal li għadna qed niċċekkjaw u ser nirrapurtaw lura fil-laqgħat li jmiss. BYE Law ġbir ta' flus minn attivitajiet

xiv. Rigward il-barrier għal quddiem il-bieb prinċipali tal-iskola s-Sindku qal li qed jipprova jixtri materjal sabiex nagħmlugħha aħna. Barrier quddiem il-bieb prinċipali tal-iskola

xv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-applikazzjoni li kien tefa għall-attivitajiet tas-sena 2016 maħruġa mid-Dipartiment Gvern Lokali u li din l-applikazzjoni ser tikkumplimenta l-proġett tal-ERDF, ġejna aċċettati u qegħda bejn 3 Kunsilli dak ta' Ħal Tarxien, Fgura, u Paola. Dan jikkonsisti fi studju dwar traffic management, traffic sharing, għargħar. Dan żied is-Sindku ser jiswina aktar il-quddiem meta niġu biex napplikaw għaliex ikollna aktar punti u tiswina għaliex ikollna l-istudju lest. Applik. Attivitajiet 2016

xvi. Il-Kunsilliera Doris Vella rtirat mil-laqgħa fis-7PM. U qabel ma rtirat nfurmat lill-Kunsill li ħarġa oħra li jmiss ser tkun fil-25 TA' FRAR 2016 ġewwa DANISH VILLAGE. Il-Kunsill qabel li ssir din il-ħarġa. Ippreżentat ukoll RENDIKONT. Doris Vella – ħarga li jmiss

xvii. Rigward il-korsijiet ta' TCTC il-Kunsillier Frans Agius informa lill-Kunsill li l-laqgħa għall-parteċipanti hija ppjanata li ssir nhar is-16 ta' Frar 2016 fis-6.00pm. TCTC

xviii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur DIMBROS ma reġgħetx ċemplitlu biex tistaqsih għaliex mhux jikri skips. Is-Sindku żied jgħid li hu ma jarax għalfejn għandu jikri skips u jdaħħal il-Kunsill fi spejjeż meta llum il-ġurnata nistgħu nimlew il-vann tal-Kunsill u mmorru narmu f'wieħed mill-*amenity sites* li hawn f'pajjiżna. Il-Kunsill qabel unanimament mas-Sindku. Kuntrattur DIMBROS

xix. Dwar il-fatt li kien rraportat mill-Viċi Sindku li l-Kappillan kien talab li f'każ li l-Kunsill jagħmel użu mis-sala ta' Dar Nazaret kien ried iħallas, il-Kunsill qabel unanimament li minn issa 'l-quddiem il-permessi mhux ser jibqgħu jkunu ssussidjati imma jrid isir ħlas tal-permess. Ħlas ta' Permessi mill-Parroċċa

xx. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ltqajna maż-żewġ operaturi jiġifieri l-GREEN MT U GREENPAK u tlabnihom jressqu l-proposti tagħhom sal-aħħar ta' Frar 2016. Sadanittant ser nitolbu estensjoni tal-Kuntratt attwali sakemm il-Kunsill jirċievi l-proposti u jiddeċiedi. Kuntratt Ġbir ta' Skart Riċiklat

xxi. Is-Seg. Eżek. nfurmat il-Kunsill li dwar iż-żewġ siti oħra sabiex l-MCA tinstalla WIFI points addizzjonali konna rċevejna biss acknowledgement mid-Dipt. Gvern Lokali. WIFI point ġodda

xxii. Is-Sindku spjega li ġew żewġ uffiċċjali mill-Uffiċċju Elettorali jiltaqaw miegħu u mas-Seg. Eżek. fejn talbu sabiex issiru xi tabelli tul Triq San Tumas fil-parti li tagħmel ma' Ħal Tarxien u anke forsi Merħba Sign fi Triq San Tumas k/m Triq Pellikani. Tabelli bl-isem Triq San Tumas

xxiii. Rigward l-ittra mibgħuta mill-Ex Sindku Joseph Abela, is-Sindku qal li dan il-każ issa ġie kollu spjegat minnu u anke mis-Segretarju Eżekuttiv skond kif hemm miktub fil-Minuti tal-laqgħa ta' Diċembru 2015. Ittra Ex Sindku Joseph Abela

xxiv. Rigward il-*pass* ta' fejn l-iskola li l-Ex Sindku Joseph Abela kien qassam lir-residenti tal-akkwata, kien hemm qbil li dawn kellhom tal-anqas ikunu ffirmati minnu sabiex b'hekk ikollhom awtorita'. Għaliex mingħajr din il-firma dawn il-*passes* m'għandhomx Awtorita u jistgħu jsiru minn kwalunkwe individwu. Il-Viċi Sindku qal li l-Ispettur qallu li hu mhux lest li jerfa r-responsabbilta' jekk Alla ħares qatt ikun hemm xi inċident u l-Viċi Sindku rrimarka li l-anqas hu mhu lest li jerfa' din ir-responsabbilta'. Daqstant ieħor wieġbu s-Sindku u l-Kunsillieri preżenti. Passes fejn l-Iskola

xxv. Ġie deċiż li ssir ittra fejn lir-residenti ninfurmawhom li dawn il-*passes* qatt ma kienu validi saħansitra fi żmien l-Ex Sindku għaliex l-ewwel u qabel kollox qatt ma ġew iffirmati la minnu u anqas minn ħadd biex tal-anqas ikollhom iktar saħħa u tieni net la l-Ispettur u wisq anqas ħadd mill-Kunsill mhu lest li jidħol responsabbli f'każ li alla ħares qatt ikun hemm xi incident.

xxv.i Is-Sindku Paul Farrugia qal li xi residenti minn din l-akkwata akkuzawh li dawn il-*passes* tneħħew minn meta reġa hu Sindku. Qal li hu dan id-diskors ma jaċċettaħx għaliex mhux minnu għaliex wara kollox kulħadd mill-preżenti jaf u jista' jikkonferma li kien l-Ex Sindku Joseph Abela li kien għamel il-pass ħażin u naqas meta lanqas biss iffirma dawn il-passes biex ikollhom awtorita'. Mhux talli hekk żied jgħid is-Sindku talli meta tqassmu dawn il-passes mill-Ex Sindku Joseph Abela, dan kien tefa' responsabbilta' fuq il-Kunsill meta l-ewwel wieħed Joseph Abela ma kienx lest li jerfaħa.

xxv.ii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Avukat tal-Kunsill kien bagħt ittra liċ-*Chairman* tal-WSC fejn infurmah li sa l-aħħar tal-2013 il-korporazzjoni kellha tħallas lill-Kunsill is-Somma ta' €38,000 għall-permessi għal-tiswijiet. Il-WSC kellha tirrifondi lill-kunsill l-ispejjeż sabiex isiru re-instatements. Is-Seg. Eżek. talbet lill-Kunsill li sadanittant din il-figura kellha titqies bħala PROVISION FOR BAD DEBTS skond ir-regoli tal-Financial Re-Instatement – WSC Provision for bad debts



Apbla

Statements. Il-Kunsill qabel unanimament.

xxvi. Is-Sindku qal li rċevejna talba sabiex il-Kunsill jipparteċipa fil-programm MAD-DAQQA T'GHAJN. Ladarba dan ma jinvolvix spejjeż kien ikkonferma li l-Kunsill kien interessat. MAD-DAQQA T'GĦAJN

xxvii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ktibna lill-ETC u tlabna sabiex ħaddiem mill-Iskema tal-ETC jitneħħa minn Ħal Tarxien għaliex, fuq saħansitra konferma mill-ħaddiema l-oħra, dan kien qiegħed ta' kuljum jimla' tankijiet bl-ilma u dan mingħajr permess li wara kollox kien ifisser serq u agħar minn hekk, żied is-Sindku jgħid li dan l-istess ħaddiem kien qed jieħu u jagħmel użu personali mill-għodda tal-Kunsill u f'ħafna każi anqas biss jirritornaha lura u dan bl-approvazzjoni tal-Ex Sindku Joseph Abela. Tkeċċija – ħaddiem Skema ETC

xxviii. Is-Seg. Eżek. nfurmat lill-Kunsill li kienet waslet email mingħand resident fejn qed jitlob sabiex issir pedestrian crossing fi Triq San Tumas. Ġie deċiż li din it-talba tgħaddi għat-TM għal konsiderazzjoni tagħhom. Pedestrian Crossing Triq San Tumas

xxix. Is-Seg. Eżek. qalet li rċevejna xi rikjesti mit-TM għal- Reserved Parking quddiem id-djar :- Talbiet għal reserved parking - TM

- 69, Triq Paola
- 164, Triq Guze D'Amato

Ma kienx oġġezzjonijiet min-naħa tal-Kunsill sabiex dawn iż-żewġ Reserved Parkings isiru mit.TM

xxx. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li konna ġejna kkupjati mit-TM f'ittra mibgħuta lir-residenti ta' Triq San Franġisk dwar li t-triq tagħhom kienu ser isirulha xi xogħlijiet mill-istess TM. Din l-ittra kienet iffirmata mill-Onor. Ministru Joe Mizzi kif ukoll mic-Chairman Sur James Piscopo. Xogħol mit-TM fi Triq San Franġisk

xxxi. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li nitolbu li tiżdied l-aħħar parti wkoll ta' triq imsemmija. Issuġġerixa wkoll li Triq San Frangisk u Triq il-Fieres isiru waħda l-fuq u l-oħra l-isfel u niddeċiedu iktar 'l-quddiem għaliex b'hekk tinħoloq ċirkolazzjoni aħjar tat-traffiku. Ser jieħu ħsieb jikteb lit-TM is-Sindku.

xxxii. Is-Sindku qal li bi ħsiebu jitlob iktar studenti bħalma kien l-impjegat Christian Farrugia. Dan għaliex fil-Kunsill hemm bżonn ta' uffiċċju ieħor u għalhekk issir temporary structure fil-bitħa u hemmhekk issir kitchenette u minflokk il-preżenti kċina jsir uffiċċju. Temporary Structure

Il-Kunsill qabel unanimament.

xxxiii. Is-Sindku ppreżenta lista ta' *fixed assets* li hemm bżonn li jiġu *written off*. Il-Kunsillieri kollha preżenti ffirmaw u unanimanet qablu li dawn jiġu *written off*. Il-valur ta' dawn l-assi jammonta għal madwar €2000 u din l-ispiża ser tkun rreġistrata fil-Financial Statements. Assi Written Off

## 3 Affarijiet Finanzjarji

- <u>Skeda ta' Pagamenti</u>

Ġew mressqa żewġ Skedi ta' Pagamenti waħda li tkopri fatturi sal-2015 Nru. 34/07 u l-oħra 35/07 għall-fatturi ta' Jannar 2016. Dawn it-tnejn ġew approvati b'mod unanimu u ġew iffirmati mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

- ***Report on the Workings Capital of Local Government 2014 (NAO)***

Rigward dan ir-Rapport, il-Kunsillieri qablu li ma kien hemmx affarijiet wisq serji. Pero tajjeb li nagħmlu mill-aħjar sabiex jittranġaw in-nuqqasijiet li ġew elenkati.

4. Rapport tal-Kunsilliera

*Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli*

i. Il-Kunsillier Ishmael Dalli qal li saret l-attivita' tal-ġbir tal-ħwejjeġ u kienet suċċess.

ii. Qal li kien preżenti fiż-żewq laqgħat mal-operaturi tal-Iskart Riċiklat

*Il-Kunsillier Ismael Dalli rtira mill-laqgħa fi 20:05PM*

***Rapport mill-Viċi Sindku Keith Darmanin***

Il-Viċi Sindku qal li l-attivita' tal-MINI CAR SHOW saret u kienet suċċess. Mini Car Show

***Rapport mill-Kunsillier Frans Agius***

Il-Kunsillier Frans Agius ippreżenta applikazzjoni għall- LIFELONG LEARNING. Il-Kunsill qabel li napplikaw. Lifelong Learning

***Rapport mill-Kunsillier Luke Genuis***

Il-Kunsillier Luke Genuis qal li fil-jiem li ġejjin kellu jiltaqa' ma' TRISTAN sabiex jaqdu l-Kumitat taż-żgħażagħ u jibdew joperaw.

5. Ħwejjeġ Oħra

i. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġerixxa li Triq l-Arkata Normanna u Triq Dun Gwann Mamo jiġu *one way* kontra xulxin b'kumpliment mal-progett Triq San Frangisk.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li pparteċipa għall-istedina mill-Assoċ. Gvern Lokali dwar PHOTO COMPETITION. *Photo Competotion*

6. Għeluq tal-laqgħa

v.i Il-laqgħa ntemmet fi 20:15pm

Laqgħa oħra ser tinżamm 22 FEB 2016 6PM

**Kav. Paul Farrugia** KLJ CMLJ
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**